ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2017

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Istudenti

L-isem u l-kunjom: ________________________________ Il-klassi: __________

| Il-Marki |
|---|
| Il-Fehim mis-Smigħ |
| ______<br>20 marka |

*Kull tweġiba tajba tingħata marka.*

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

**1.** F'din is-silta qiegħda titkellem in-Nanna Pin.

VERU ☐ FALZ ☐

**2.** In-Nanna Pin qatt ma rrakkontatilhom storja lin-neputijiet tagħha.

VERU ☐ FALZ ☐

**3.** It-tewmin kienu tifel u tifla.

VERU ☐ FALZ ☐

**4.** Ġanni kellu ħafna ħbieb.

VERU ☐ FALZ ☐

**5.** Missier Ġanni u Peppi kien fqir ħafna.

VERU ☐ FALZ ☐

**6.** Il-kompetizzjoni bdiet billejl.

VERU ☐ FALZ ☐

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**1.** L-ikel favorit ta' Peppi huwa
- **a)** il-ħelu.
- **b)** ikel jaħraq u mħawwar.
- **ċ)** ikel kiesaħ.

**2.** Peppi kien jaħbi l-affarijiet tiegħu
- **a)** f'ħanut tal-ħelu.
- **b)** fil-bosk.
- **ċ)** fil-kamra tas-sodda.

**3.** Missier it-tewmin xtaq
- **a)** jagħti l-aktar ġid lil min hu l-aktar b'saħħtu.
- **b)** jaqsam ġidu ndaqs.
- **ċ)** jagħti ammont ikbar lil Ġanni.

**4.** Ġanni u Peppi kellhom jieħdu sehem
- **a)** fi ġlieda.
- **b)** f'kompetizzjoni.
- **ċ)** f'logħba.

**5.** Qabel ma telqu, missierhom libbishom
- **a)** arloġġ.
- **b)** ċintorin.
- **ċ)** kappell.

**6.** It-tewmin kellhom jaslu lura
- **a)** l-għada filgħodu.
- **b)** dakinhar f'nofsinhar.
- **ċ)** dakinhar stess qabel jidlam.

**Taħriġ Ċ**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

**1.** It-tewmin kellhom l-istess dehra imma karattru ________________ .

**2.** Min ________________ l-aktar fil-bosk jieħu l-aktar ________________.

**3.** Peppi ma setax jimxi t-triq lura għaliex laħaq ________________. Huwa ________________ il-kompetizzjoni.

**Taħriġ D**

**Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.**

**1.** Fl-istorja nisimgħu li t-tewmin kienu **fula maqsuma**.

Din l-espressjoni tfisser li:

**a)** ma kinux jaqblu.

**b)** kienu jixxiebhu ħafna.

**ċ)** kienu jħobbu jieklu l-ful.

**2.** Fl-istorja nisimgħu li l-għada t-tewmin telqu g**ħal għonq it-triq**.

Din l-espressjoni tfisser li:

**a)** waqfu f'tarf it-triq.

**b)** telqu għal mixja twila.

**ċ)** telqu kmieni.

**3.** Fi tmiem l-istorja nisimgħu il-qawl **tilef il-qaleb u l-ġbejna**.

Dan il-qawl ifisser li:

**a)** wasal tard.

**b)** ma rebaħx ġbejniet.

**ċ)** tilef kollox.

**- Tmiem il-Karta -**